TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alison Cassar

vs

Erdal Cakar - Blinds & More

CCT 68/22/MS

2 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Mejju 2022 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat/azjenda intimata ihallasha/ thallasha l-ammont ta' elfejn disa mija u hamsin euro (€2,950.00), prezz ta' tinda motorizzata (Pergola) mixtriija minghand l-intimat/ azjenda intimata li ssaddet fil-perjodu tal-garanzija.

Ra li ma kien hemm l-ebda risposta min-naha tal-intimat/ azjenda intimata u hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah biex jixhed.

Sema' x-xiehda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Awwissu tas-sena 2018 ir-rikorrenti xtrat Pergola, li hija tinda motorizzata maghmula mill-aluminimum, b'hames snin garanzija. Fl-1 Awwissu hallset depozitu ta' €1,180.00 u kien fadal bilanc ta' €1,170, li hallsithom *cash* meta gew biex iwahhluha fil-post. Ftit wara ma giet installata, l-istruttura bdiet issaddad, alavolja dan kien tal-aluminimum. Ir-rikorrenti kellmet lill-intimat, li min-naha tieghu biddel xi plattina ghal darba jew iktar, pero' l-problema ma solvietx ruhha, tant li l-intimat kien ammetta maghha li l-istrutturi kollha kienu qed jissaddu. L-intimat kien baghat haddiem minn tieghu li kien qalilha li kollox irrid jinbidel. Regghet kellmet il-mara tal-intimat, u regghu baghtu haddiem iehor, li gie bil-pinzell u bl-ispray, biex minghalih ha jirtokkja fejn kien imsaddad. Ir-rikorrenti ma accetatax u ghalhekk irrikorriet ghal dawn il-proceduri. Ghall-ewwel ir-

rikorrenti kienet qed titlob li jew tinbidel l-istruttura ghal wahda gdida, jew inkella tinghata flusha lura, pero' issa minn mindu waqaf il-mutur, hi tixtieq li tinghata flusha lura.

Illi ma kien hemm l-ebda risposta min-naha tal-intimat/ azjenda intimata u hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jaghti x-xiehda tieghu. Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjon ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti, li hija mhux biss verosimili, izda anke korroborata bir-ritratti li juru l-istat inaccettabbli u dizastruz ta' din l-istruttua, li kienet ghadha kwazi gdida u taht garanzija.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, ix-xiehda tar-rikorrenti u wara li ra l-artikolu 12.1 tal-L.S 378.01 tal-Ligijiet ta' Malta, jidhirlu li t-talba tar-rikorrenti tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimat/ azjenda intimata, în solidum bejniethom, jirrifondulha s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsin euro (€2,950.00). Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru